MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 199/2004/1

**Rita mart Michael Debono**

**v.**

**Lombard Bank Malta p.l.c.; u b'digriet tat-12 t'April 2004**
**gew nominati l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u**
**l-Prokuratriċi Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati**
**sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Michael Debono**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:

"Peress illi b'kuntratt datat 10 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. Clyde La Rosa (Dok 'A'), il-bank konvenut silef lill-konvenut l-iehor Michael Debono u lill-attrici ghal gestjoni tan-negozju tal-Portobello Restaurant dapparti mill-istess konvenut Michael Debono, is-somma ta' sittax-il elf u hames mitt lira (Lm16,500) u permezz ta' l-istess konvenut ipoteka specjali fuq il-fond parafernali taghha numru sitta u tmenin (86) illum mija sitta u sittin (166) Parich Priest Carlo Manche` Street, Gzira;

"Peress illi dan is-self suppost inghata wara accettazzjoni daparti tal-attrici u l-konvenut Debono tal-kundizzjonijiet indikati fis-'sanction letter' rlattiva datata 18 ta' Ottubru 1999 (D0k. 'B');

"Peress illi l-kunsens tal-attrici ghall-iffirmar tal-imsemmi kuntratt ta' self kien vizzjat bi zball daparti taghha u bi vjolenza u frodi daparti taz-zewg konvenuti, liema vizzju tal-kunsens jimporta n-nullita` tal-kuntratt.

"Ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara li l-kunsens tal-attrici ghall-iffirmar tal-kuntratt datat 10 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa (Dok. 'A') kien vizzjat minhabba zball, vjolenza u frodi kif fuq premess;

"2. Konsegwentement tiddikjara l-istess kuntratt bhala null u bla effett.

"3. Konsegwntement tordna lill-bank konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jikkancella l-iskrizzjoni ipotekarja rigwardanti l-fond tal-attrici numru sitta u tmenin (86), illum mija u sitta u sittin (166), Parish Priest Carlo Manche Street, Gzira.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-bank konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. it-talbiet ta’ l-attriċi “huma infondati fil-fatt u fid-dritt”, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra taghha u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. assolutament m’huwiex minnu illi l-kunsens tal-attriċi għall-iffirmar tal-kuntratt tal-10 ta’ Diċembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa (Dok “A” anness mac-citazzjoni) kien vizzjat minhabba żball da parti taghha, jew minhabba vjolenza u frodi da parti tal-Bank konvenut, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“3. il-kuntratt Dok “A” anness hawn fuq referit huwa validu u bl-ebda mod ma jista’ jitqies bhala null u bla effett, stanti l-fatt li l-attrici u zewgha l-konvenut l-iehor kienu konxji ta’ x’kienu qed jiffirmaw u bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li gew imgieghla jew b’xi mod imqarrqin minhabba xi agir da parti tal-Bank konvenut;
“Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b’digriet tat-12 ta’ April, 2004, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konvenut Michael Debono li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi b’digriet tat-12 ta’ April 2004, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Michael Debono.

“2. Illi huma m’ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

“3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru, 2006, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:
“... ... ... wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut, tgħid illi l-kunsens ta’ l-attriċi fuq il-kuntratt tal-10 ta’

Diċembru 1999 kien meħud bi żball fuq is-sustanza ta' l-oġġett tal-kuntratt, u għalhekk tħassar dak il-kuntratt safejn jorbot lill-attriċi u tordna illi titħassar l-iskrizzjoni ta' ipoteka speċjali fuq il-fond ta' l-attriċi fil-Gżira, Triq il-Kappillan Carlo Manché, numru sitta u tmenin (86), illum numru mija u sitta u sittin (166).

"Billi kien il-konvenut Michael Debono li waqqa' lill-attriċi fl-iżball, l-ispejjeż kollha tal-kawża, ukoll dawk tal-bank konvenut, għandu jħallashom il-konvenut Michael Debono.

"Ir-reġistratur għandu, hekk kif din is-sentenza ssir *res iudicata*, jibgħat in-nota tat-tħassir ta' l-ipoteka ffirmata minnu kif irid l-Art. 2067 tal-Kodiċi Ċivili lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonjiet

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

"Il-konvenut Michael Debono kellu *restaurant* bi sħab ma' ħaddieħor u biex imexxi dan in-negozju kien jissellef mill-bank konvenut. Kien hemm okkażjoni fejn, bħala garanzija fuq is-self, il-bank kien talab illi l-konvenut jirhan polza t'assikurazzjoni fuq ħajtu. Billi iżda s-soċjetà assikuratriċi ma riditx toħroġ il-polza, il-bank kien irrinunzja għat-talba tiegħu ta' rahan fuq polza t'assikurazzjoni fuq il-ħajja.

"Ġara illi s-sieħeb tal-konvenut Debono fit-tmexxija tar-*restaurant* irtira u Debono għalhekk kellu l-okkażjoni illi r-*restaurant* imexxih waħdu. Biex jagħmel hekk kien jeħtieġ aktar kapital u għalhekk fittex illi jkompli jissellef mingħand il-bank konvenut.

"B'ittra ta' aċċettazzjoni tat-18 t'Ottubru 1999 il-bank offra li jislef sittax-il elf u ħames mitt lira (Lm16,500) li kellhom jiġu impjegati hekk:

- "disat elef lira (Lm9,000) biex titħallas il-kera fuq ir-*restaurant*;

- “tlitt elef lira (Lm3,000) għax-xiri ta’ *stock* u biex isiru xi xogħlijiet fir-*restaurant*; u

- “erbat elef u ħames mitt lira (Lm4,500) biex jintradd self li kien għamel il-bank lill-konvenut Debono qabel.

“Bħala garanzija l-bank ried li jkollu ipoteka ġenerali, ipoteka speċjali fuq proprjetà parafernali ta’ l-attriċi, rahan fuq polza t’assikurazzjoni fuq il-ħajja ta’ l-attriċi u rahan fuq polza ta’ assikurazzjoni għal tlittax-il elf lira (Lm13,000) fuq il-ħajja tal-konvenut Debono.

“L-attriċi ma riditx li tipoteka proprjetà parafernali tagħha u ma riditx tidher fuq il-kuntratt ta’ self. Missierha wkoll wissieha biex ma tipotekax ħwejjiġha. Żewġha iżda heddidha li jekk ma tiffirmax jitlaqha. Billi kienet tħobb lil żewġha, u beżgħet illi tassew jitlaqha jekk ma tiffirmax il-kuntratt, u wkoll għax emmnitu meta qalilha li d-dejn iħallsuh għax in-negozju kien imur tajjeb, u wkoll billi serrħet moħħha għax dehrilha illi b’rahan tal-polza fuq il-ħajja ta’ żewġha għal tlittax-il elf lira (Lm13,000) kien hemm garanzija biżżejjed għar-radd tas-self, u l-bank għalhekk ma kienx ikollu għalfejn idur fuq ħwejjiġha, l-attriċi aċċettat u iffirmat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Clyde la Rosa.

“Meta sar il-kuntratt il-polza t’assikurazzjoni fuq il-ħajja tal-konvenut Debono kienet għadha ma nħarġitx. Il-*manager* tal-bank konvenut li kien approva s-self baqa’ jittama illi l-polza eventwalment tasal, iżda, meta sar jaf illi l-polza ma kinitx sejra tinħareġ, iddeċieda li jgħaddi mingħajrha. Tassew, ma kellux wisq għażla għax is-self kien ġà sar u l-flus kienu ġà ngħataw lill-konvenut Debono. L-attriċi, iżda, ma kinitx taf b’dan, għax baqgħet taħseb illi s-self kien sejjer isir bil-kondizzjonijiet stipulati fl-ittra ta’ aċċettazzjoni tat-18 t’Ottubru 1999.

“Disat elef lira (Lm9,000) mill-flus mislufa tassew kienu impjegati biex jitħallas il-kera fuq ir-*restaurant*, iżda ma nġibitx prova dwar x’sar mill-bqija, partikolarment dwar jekk l-erbat elef u ħames mitt lira (Lm4,500) li bihom kellu jinqata’ dejn ma l-istess bank konvenut marrux tassew

għall-ħlas ta’ dak is-self. Kif naraw aktar ’il quddiem, x’aktarx illi dak is-self ma kienx tħallas bil-flus mislufa bil-kuntratt tal-10 ta’ Diċembru 1999.

“Il-konvenut Debono għamel xi żmien imexxi r-*restaurant*, iżda lill-attriċi martu ma kienx jagħtiha sodisfazzjon dwar kif kien miexi n-negozju, u r-relazzjonijiet bejniethom bdew imorru lura. Fil-bidu ta’ l-2001 il-konvenut Debono ħarab minn Malta, u ħalla ħafna djun warajh, fosthom id-dejn mal-bank konvenut. L-attriċi nfirdet minnu *de iure* u temmet il-komunjoni ta’ l-akkwisti b’sentenza mogħtija mis-Sezzjoni tal-Familja ta’ din il-qorti fl-24 ta’ Frar 2005.

“Sabiex igħin lil bintu l-attriċi tħallas id-djun li ħalla warajh il-konvenut Debono, Joseph Zammit, missier l-attriċi, ħa f’idejh it-tmexxija tar-*restaurant* bil-ħsieb li jaqta’ d-djun bil-mod, l-aktar id-dejn mal-bank konvenut sabiex il-bank ma jaħtafx il-proprjetà ta’ bintu. Wara li ħallas lill-bank konvenut aktar minn tlitt elef lira (>Lm3,000), iżda, Zammit sar jaf illi, kontra r-rieda tiegħu u bi ksur ta’ dak li jgħid l-art. 1171(*d*) tal-Kodiċi Ċivili, il-bank kien qiegħed jagħmel imputazzjoni tal-ħlasijiet għal dejn ieħor — x’aktarx id-dejn li kellu jitħallas b’erbat elef u ħames mitt lira (Lm4,500) mill-flus mislufa bil-kuntratt tal-10 ta’ Diċembru 1999 u li, milli jidher, baqa’ ma tħallasx — li ma kienx imħares b’ipotekja fuq il-proprjetà ta’ l-attriċi. Għalhekk, meta ra illi bil-ħlasijiet li kien qiegħed jagħmel ma kienx qiegħed jeħles il-proprjetà ta’ bintu, Zammit waqqaf il-ħlasijiet.

“Il-bank imbagħad beda l-proċeduri biex jitħallas mill-proprjetà ta’ l-attriċi, u l-attriċi fetħet din il-kawża tallum.

“L-attriċi qiegħda tgħid illi l-kuntratt ta’ self u ipoteka ma jiswiex għax il-kunsens tagħha nkiseb (i) b’qerq, (ii) bi vjolenza u (iii) bi żball.

“Dwar il-qerq bħala vizzju tal-kunsens, l-art. 981 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

“**981.** (1) L-egħmil doluż huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.

"(2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ippruvat.

"L-attriċi xehdet illi kienet imqarrqa għax żewġha u Robert Dimech, il-*manager* tal-bank konvenut, wara li serrħulha moħħha illi l-polza t'assikurazzjoni fuq il-ħajja ta' żewġha kienet tagħmel tajjeb għas-self, ma qalulhiex illi l-polza ma nħarġitx u li għalhekk is-self ma kienx imsaħħaħ b'rahan.

"Jista' jingħad illi l-konvenut Debono qarraq bl-attriċi meta ma qalilhiex illi l-polza ma nħarġitx u ma setgħetx toħroġ, u għalhekk ħallieha tersaq għall-kuntratt bil-ħsieb illi kien hemm rahan tal-polza meta dan ma kienx minnu. Jista' jingħad ukoll, iżda, illi l-bank kien kompliċi f'dan il-qerq?

"F'ċirkostanzi normali kien ikun leċitu għall-bank konvenut illi jassumi illi dak li jaf ir-raġel tafu wkoll martu. Mill-partijiet, ħadd aktar mill-konvenut Debono ma kien jaf illi l-polza ma nħarġitx u illi ma kinitx sejra tinħareġ, u ħaġa bħal din aktar setgħet tkun taf biha martu milli l-bank.

"L-attriċi iżda tgħid illi ġà qabel ma ngħata s-self ir-relazzjonijiet bejnha u żewġha kienu sejrin lura. Tgħid ukoll illi żewġha u Dimech, il-*manager* illi approva s-self, kienu qrib sew ta' xulxin tant illi Dimech kien spiss imur jiekol fir-*restaurant* ta' Debono bla ma jħallas u kien ukoll jaqdih billi mir-*restaurant* jieħu miegħu flus u *cheques* ta' Debono biex jiddepożitahomlu fil-bank u hekk jiffrankalu illi jkollu jmur fil-fergħa tal-bank li tagħha Dimech kien *manager* u joqgħod jistenna fil-*queue*. L-attriċi għalhekk timplika illi Dimech kien jaf l-affarijiet ta' żewġha aktar minnha u kien kompliċi miegħu biex lilha jżommha fil-għama.

"L-attriċi tkompli tgħid illi l-bank konvenut naqas meta approva s-self, għax tgħid illi, fiċ-ċirkostanzi, kien jidher illi l-konvenut Debono ma setax iħallas lura s-self, u naqas ukoll meta ma rax illi l-flus mislufa jkunu impjegati skond il-ftehim biex *inter alia* jinqata' dejn ta' qabel.

“Għandu jingħad illi Dimech jiċħad dan kollu, u jgħid illi r-relazzjonijiet tiegħu ma’ Debono kienu dawk normali ta’ bejn *manager* ta’ fergħa ta’ bank u l-klijent tiegħu.

“Il-qorti, wara li qieset sew ix-xhieda, ma tistax tgħid illi hija moralment konvinta illi l-bank konvenut kien kompliċi fil-qerq.

“Tassew illi l-bank konvenut ma mexiex f’kull waqt b’korrettezza skrupluża f’dan il-każ. Bank bħala istituzzjoni ta’ kreditu jgawdi pożizzjoni privileġġjata meta mqabbel ma’ persuni privati li jisilfu l-flus. Biżżejjed ngħidu illi l-liġi tħallih jieħu mgħaxijiet illi, jekk ikunu stipulati f’self bejn persuni privati, jitqiesu usura. Dan il-privileġġ iżda jingħata b’għarfien tal-pożizzjoni speċjali li għandu bank bħala istituzzjoni ta’ kreditu: pożizzjoni speċjali li tagħtih mhux biss privileġġi iżda wkoll obbligi, fosthom obbligi lejn il-klijenti tiegħu. Ikun qiegħed jonqos bank li jagħti self bla ma raġonevolment iserraħ moħħu illi l-proġett li għalih qiegħed javanza flus huwa wieħed fattibbli, u, minflok, iserraħ moħħu biss fuq il-garanzija li tingħatalu, bħallikieku jkun kollox sew jekk il-proġett ifalli iżda l-bank xorta jitħallas, imqar billi jbigħ id-dar fejn joqgħod il-klijent.

“Fil-każ tallum il-qorti ma hijiex għal kollox sodisfatta illi l-*manager* tal-bank konvenut li approva s-self għamel dak kollu li kien *in bona fide* marbut li jagħmel biex iħares mhux biss l-interessi tal-bank iżda wkoll l-interessi tal-klijent, kif kellu jsir biex jitħares l-obbligu ta’ istituzzjoni ta’ kreditu li tgawdi pożizzjoni privileġġjata. Is-*supervisor* tal-bank konvenut li analizza s-sitwazzjoni meta s-self ma baqax jitħallas kellu jistqarr, meta mġiegħel mill-qorti jwieġeb mistoqsija li xtaq kieku jinħeles minnha, illi li kieku hu kellu l-informazzjoni li kellu l-*manager* meta approva s-self ta’ sittax-il elf u ħames mitt lira (Lm16,500), hu x’aktarx illi ma kienx japprova s-self.

“Il-bank konvenut ukoll naqas, u tista’ tgħid illi qarraq bl-attriċi u b’missierha, meta bil-ħlasijiet li għamel il-missier wara li ħarab il-konvenut Debono l-bank għamel imputazzjoni lil dejn li ma kienx imsaħħaħ bl-ipoteka fuq il-

proprjetà ta' l-attriċi meta l-ħsieb ta' min għamel il-ħlasijiet kien li jeħles il-proprjetà. Din l-imputazzjoni saret bi ksur ta' l-artt. 1168(1) u 1171(*d*) tal-Kodiċi Ċivili u, fiċ-ċirkostanzi, saret ukoll *in mala fide*.

"Din iżda hija ħaġa li saret wara li l-attriċi tat il-kunsens tagħha fuq il-kuntratt tal-10 ta' Diċembru 1999 u għalhekk ma kienx ingann li wassal lill-attriċi biex tagħti l-kunsens tagħha. Il-qorti wkoll ma hijiex moralment konvinta illi l-approvazzjoni tas-self saret b'qerq kontra l-attriċi għax jista' jkun illi l-ġudizzju tas-*supervisor* illi s-self ma kienx imissu ngħata kien ġudizzju magħmul *col senno del poi*.

"Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, għalkemm kien hemm qerq min-naħa tal-konvenut Debono, ma hemmx l-estremi biex tista' tgħid illi l-bank konvenut kien kompliċi fil-qerq. Billi, biex kuntratt jitħassar minħabba qerq, l-ingann irid ikun magħmul mill-parti li tieħu l-benefiċċju tal-kuntratt, ma hemmx raġuni ta' nullità taħt l-art. 981 tal-Kodiċi Ċivili.

"Dwar il-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens, l-artt. 977 *et seqq*. tal-Kodiċi Ċivili jgħidu hekk:

"**977.** (1) Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni hija motiv ta' nullità, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun ġiet magħmula minn wieħed ieħor li ma jkunx dak li favur tiegħu tkun saret l-obbligazzjoni.
(2) Iżda, l-obbligazzjoni favur dak li ma jkunx ħa sehem fil-vjolenza, bħala ħlas ta' l-għajnuna li jkun ta biex jeħles lill-parti li tobbliga ruħha mill-vjolenza magħmula fuqha minn wieħed ieħor, ma tistax tiġi annullata minħabba dik il-vjolenza; iżda s-somma jew ħaġ'oħra mwiegħda tista' tiġi mnaqqsa, kemm-il darba tkun barra mill-qies.

"**978.** (1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.

(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.

"**979.** (1) Il-vjolenza hija motiv ta' nullità tal-kuntratt, ukoll meta d-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara, jew tar-raġel, jew ta' dixxendent, jew ta' axxendent tal-parti li tikkuntratta.
(2) Jekk id-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ ta' persuni oħra, huwa mħolli fid-dehen tal-qorti, skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, li tannulla l-kuntratt jew li twettaq il-validità tiegħu.

"**980.** Il-biża' biss ta' qima lejn il-missier, l-omm, jew axxendenti oħra, jew lejn ir-raġel, mhix biżżejjed biex tannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata.

"Fil-każ tal-lum ma saret ebda allegazzjoni ta' vjolenza fiżika; l-attriċi iżda qiegħda tgħid illi t-tehdida ta' żewġha li jitlaqha kienet vjolenza morali li ġegħlitha tagħti l-kunsens kontra r-rieda tagħha.

"Il-qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument ta' l-attriċi.

"L-attriċi stess xehdet illi, li kieku kienet taf illi s-self ma kienx sejjer ikun imsaħħaħ b'rahan ta' polza t'assikurazzjoni fuq ħajjet żewġha, hi ma kinitx tiffirma l-kuntratt tal-10 ta' Diċembru 1999. L-attriċi għalhekk kienet tkun kapaċi tirreżisti għall-pressjoni magħmula fuqha minn żewġha; ċediet mhux minħabba l-biża' iżda għax, kif qalet hi stess, kienet tħobb lil żewġha u serrħet moħħha bil-ħsieb illi s-self kien sejjer ikun imsaħħaħ b'rahan.

"Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, il-kunsens ta' l-attriċi ma tteħidx bi vjolenza, u l-kuntratt ma jistax jitħassar għal din ir-raġuni ta' nullità.
Fadal li nqisu l-iżball.

"Dwar l-iżball bħala vizzju tal-kunsens, l-art. 976(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

"**976.** (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim."

"L-iżball illi l-attriċi tgħid illi wassalha biex tiffirma l-kuntratt kien il-ħsieb tagħha illi s-self kien imsaħħaħ b'rahan ta' polza t'assikurazzjoni fuq ħajjet żewġha. Fil-fatt, kif rajna, ma kienx hemm ir-rahan għax il-polza ma nħarġitx. Għalhekk kien hemm żball min-naħa ta' l-attriċi, iżda dan l-iżball kien "fuq is-sustanza nfisha" ta' l-oġġett tal-ftehim, u għalhekk iġib in-nullità, jew kien żball fuq ħaġa biss aċċidentali?

"Żball jitqies li jkun fuq is-sustanza tal-ħaġa meta jolqot kwalità tal-ħaġa li, fil-ħsieb tal-partijiet, hija sostanzjali. Żball għalhekk jolqot il-validità tal-kunsens meta, fi kliem Pothier, "cade sulla qualità della cosa che i contraenti hanno avuto prinċipalmente in vista e che forma la sostanza di questa cosa. … … … Altrimenti avviene allorchè l'errore non cade che su di alcune qualità accidentali della cosa[1]". Il-kriterju għalhekk huwa wieħed soġġettiv, għax jolqot l-intenzjoni tal-partijiet, u mhux is-sustanza oġġettiva tal-ħaġa.

"Ir-rahan huwa aċċessorju għas-self iżda ma jfissirx b'hekk illi, fil-ħsieb tal-partijiet, "is-sustanza nfisha" ta' l-oġġett ta' self b'rahan u dik ta' self bla rahan hija l-istess. Żball jista' jolqot is-sustanza tal-ħaġa, u għalhekk jivvizzja l-kunsens, ukoll meta jolqot il-modalitajiet tal-kuntratt[2].

"Tassew, *quod plerumque accidit* huwa illi r-rahan jinteressa lil min jislef, mhux lil min jissellef, u għalhekk żball dwar jekk hemmx rahan x'aktarx jolqot il-kunsens tal-kreditur milli tad-debitur, iżda mhux dejjem u bilfors ikun hekk.

"Fil-każ tallum l-attriċi kienet parti x'aktarx passiva fil-ftehim ta' self: il-flus kienu sejrin igħaddu f'idejn żewġha, mhux f'idejha, u hi ma kellha ebda sehem fit-tmexxija tan-negozju għax żewġha kien iżommha fil-għama. Li s-self jitħallas u li l-attriċi ma jkollhiex tagħmel tajjeb bi ħwejjiġha kien jiddependi fuq il-konvenut Debono u mhux fuq l-attriċi. Għalhekk l-attriċi kellha interess illi, għall-inqas,

---

1 Pothier, *Obligazioni*, n. 18.

2 Ara Giuseppa Saydon *versus* Salvina Borg *nomine*, App. Kumm. 30 t'April 1965, Vol. XLIX-I-533 *a* 538.

ikun hemm xi ħaġa oħra li tagħmel tajjeb, li sserħilha moħħha illi, fl-agħar ipotesi, ma titlifx ħwejjiġha.

“Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, li s-self ikun imsaħħaħ b’rahan kien kwalità sostanzjali tal-ftehim, u l-iżball tal-konvenuta fuq din il-kwalità jivvizzja l-kunsens tagħha.

“Dan iwassal biex il-kuntratt ma jkunx jiswa.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Lombard Bank Malta plc li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti:
“... ... ... in virtu` ta’ liema ddecidiet li l-kunsens tal-attrici appellata fuq il-kuntratt tal-10 ta’ Dicembru 1999 kien mehud bi zball fuq is-sustanza ta’ l-oggett tal-kuntratt, biex b’hekk l-istess kuntratt thassar safejn rabatha u in virtu ta’ liema giet ukoll imhassra l-ipoteka specjali fuq id-dar proprjeta` parafernali taghha, u dan billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Bank esponenti u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-kuraturi Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tiddeciedi li tichad it-talbiet attrici billi mhux sostenibbli, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici;

Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici ghaz-zewg rikorsi tal-appelli tal-konvenuti u l-appell incidentali taghha li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi:
“... ... ... l-appelli interposti miz-zewg appellanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u fl-istess waqt titlob li l-appell incidentali taghha jigi milqugh billi, filwaqt li tigi konfermata s-sentneza appellata fejn gew milqugha t-talbiet taghha u ma gietx akkollata bl-ispejjez tal-kawza, tirriformaha fis-sena li tigi milqugha l-ewwel talba taghha anke abbazi ta’ vizzju ta’ kunsens tal-attrici minhabba qerq, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa tal-10 ta' Dicembru, 1999, l-attrici Rita Debono u zewgha Michael hadu self minghand il-bank konvenut ta' Lm16,500, u fost il-garanziji li nghataw lill-bank, fuq talba tal-istess bank, l-attrici rregistrat ipoteka specjali fuq fond proprjeta` parafernali taghha biex taghmel tajjeb ghas-self. L-attrici qed tallega f'dawn il-proceduri li l-kunsens taghha ghall-iskrizzjoni tal-ipoteka (izda mhux ghas-self li hadet mill-bank tramite l-istess kuntratt) kien vizzjat minhabba zball, vjolenza u qerq fit-termini tal-artikoli 974 *et seq* tal-Kodici Civili riprodotti mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

L-ewwel Qorti, cahdet it-talba in kwantu bazata fuq vjolenza u qerq izda laqghet it-talba attrici fuq il-kawzali li l-kunsens taghha kien vizzjat bi zball. Dan sehh peress li, skond l-attrici, hi iffirmat li taghti l-garanzija mitluba lill-bank wara li serhet mohhha li l-bank, bhala garanzija ulterjuri, kien se jesigi rahan fuq polza ta' assikurazzjoni fuq hajjet zewgha; jirrizulta li, sussegwentement ghall-iffirmar tal-kuntratt, il-bank accetta li jipprocedi bis-self minghajr ma jinsisti li jinghata rahan fuq il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja ta' Michael Debono.
Kontra din is-sentenza appellaw il-konvenuti fejn allegaw li mill-provi m'ghandux jirrizulta li l-kunsens kien vizzjat bi zball, u appellat ukoll l-attrici biex issostni li, f'kull kaz, kellha tintlaqa' wkoll it-talba taghha fuq il-kawzali ta' qerq.

Trattat l-ewwel l-appelli tal-konvenuti din il-Qorti taqbel maghhom li, fic-cirkostanzi tal-kaz, it-talba attrici bazata fuq allegat zball ta' kunsens m'ghandhiex tintlaqa' u dan ghal diversi ragunijiet.

Fl-ewwel lok, il-vizzju tal-kunsens irid jigi relatat mac-cirkostanzi u l-fatti li kienu jezistu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, u mhux ma' dawk li jirrizultaw wara. Wiehed jista' jghid li kien fi zball jekk fil-mument tal-kunsens, hu haseb li l-oggett tal-kuntratt kellu xi partikolaritajiet specjali

(li ghalih jistghu jitqiesu bhala s-sustanza tal-haga), meta fil-fatt dak l-oggett ma kellux dawk il-partikolaritajiet. F'dan il-kaz, fil-hin tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, kien minnu li l-bank esiga li jinghata rahan fuq il-polza ta' assikurazzjoni fuq hajjet Michael Debono, u ma kienx hemm zball fuq dan mill-attrici. Kienet tkun differenti l-istorja kieku, ghall-grazzja tal-argument, l-attrici hasbet li l-bank esiga rahan fis-sens indikat meta fil-fatt ma kienx hekk. F'dan il-kaz, is-sitwazzjoni tal-bank, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, kienet ezatt kif hasbet li kienet l-attrici (u, cioe`, li kellha tinhareg il-polza ta' assikurazzjoni) u, ghalhekk, ma tistax tghid li kienet fi zball. Kunsens ma jistax jitqies vizzjat minhabba bdil fic-cirkostanzi li jsehh wara l-iffirmar tal-kuntratt.

Fit-tieni lok, fit-termini tal-Artikolu 976(1) tal-Kodici Civili, l-izball irid jaqa' fuq is-sustanza tal-oggett tal-kuntratt (self u garanzija) u mhux fuq haga ohra li mhix meritu tal-kuntratt attakkat. Kif jispjega r-Ricci ("Corso Tearetico – Prattico di Diritto Civile", Vol. VI pagna 29,

"*Se dunque il contratto si annulla a causa d'errore quando esso non sarebbesi conchiuso, ove la verita` si fosse nella sua pienezza conosciuta, dobbiamo ritenere che l'errore cade sulla qualita` sostanziale, quando questa si e` avuta principalmente di mira dal contraente, per modo che egli non sarebbesi obbligato ove avesse conosciuto non avere la cosa quella qualita` da lui attribuitale. Se io, ad esempio, compro un oggetto che credo antico, e lo compro appunto in questa sua qualita`, in quanto l'antichita` vale ad attribuirgli quel pregio che esso altrimenti non avrebbe, l'errore cade sulla qualita` sostanziale, se l'oggetto acquistato sia moderno in luogo di essere antico. Parimente, se acquisto un fabbricato, perche` ritengo che esso sia destinato ad opificio ed abbia tutte le condizioni per esser tale, l'errore cade sulla qualita` sostanziale della cosa, ove il fabbricato acquistato altro non sia che una casa inserviente ad abitazione. Il decidere pertanto, se l'errore possa, oppur no, esser causa di nullita di contratto, e` piu` questione di fatto, che di diritto, in quanto essa riducesi a vedere, se chi contratto` vi fu mosso dalla qualita` della cosa, su cui vi e` stato errore, ovvero vi fu determinato da altri motivi e*

*considerazioni. Nel primo caso l'errore cade, come si esprime il legislatore, sulla sostanza* della cosa*, e viziando il consenso, produce la nullita` del contratto, nel secondo caso l'errore non ha esercitato alcuna influenza sul contratto, e non puo` quindi esser causa di nullita`.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan il-kaz, l-attrici ma waqghet f'ebda zball fuq l-oggett tal-kuntratt, ghax kienet pjenament konsapevoli ta' dak li kienet qed taghmel u tal-konsegwenzi li jistghu jirrizultaw jekk is-self ma jintraddx lura. Hi, fil-fatt, ghall-ewwel ma riedetx taghti garanzija bil-proprjeta` taghha ghax bezghet bil-konsegwenzi, izda ipperswadiha zewgha wara li assikuraha li ma kienux se jinqalghu problemi peress li n-negozju tar-restaurant zgur imur tajjeb.

Jekk riedet torbot il-kunsens taghha ma' ftehim iehor (l-ghoti tar-rahan) kellha taghmel car dan il-hsieb taghha, izda waqt l-iffirmar tal-kuntratt din il-kundizzjoni ma saretx. Ir-raguni/motiv ghaliex jigi ffirmat kuntratt huwa rrilevanti sakemm dik il-parti ma torbotx il-kunsens taghha fuq ftehim mal-ezistenza ta' fatti ohra. Pero` anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, rabtet il-kunsens taghha ma' verifikazzjoni ta' kundizzjoni fil-futur, ir-rimedju wkoll ma kienx ikun li thassar il-kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens ghax in-non-verifikazzjoni ta' kundizzjoni fil-futur ma ggibx fix-xejn il-kunsens li jkun validu meta jinghata. Il-ligi tipprovdi rimedju ghal din ic-cirkostanza, izda mhux ir-recissjoni tal-kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens.

Din il-Qorti, f'kull kaz, ma tarrivizax kundizzjoni mal-kunsens li tat l-attrici. Kif intqal mill-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italia fil-kaz numru 1803 deciz fis-6 ta' Ottubru, 1970,
"*La condizione non deve essere necessariamente enunciata in termini espressi e con il suo* esatto nomen iuris e *puo anche` essere 'implicita' o 'tacita'; ma, affinche` ricorra quest'ultima ipotesi, e` necessario che la effettiva volonta` di subordinare l'efficacia del negozio al verificarsi o al non verificarsi di un predeterminato evento, sia univocamente riconoscibile attraverso l'esame e l'interpretazione del contenuto sostanziale del negozio stesso.*"

F'dan il-kaz, l-attrici ma wrietx lill-bank, il-parti l-ohra tal-kuntratt, li hi kienet qed torbot il-kunsens taghha ghall-iskrizzjoni tal-ipotika fuq il-proprjeta` taghti mal-ghoti tar-rahan. Il-biza taghha, l-attrici, qasmitha ma' zewgha, missierha u ohtha, izda ma jirrizultax li mal-kontraent l-iehor fuq il-kuntratt, il-bank konvenut, qasmet dawn il-hsibijiet.

Fil-kawza "Barbara v. Borg" deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru, 1967 parti irnexxielu jhassar kuntratt (mhux minhabba vizzju tal-kunsens) ghax ipprova li hu wera lill-kontraent l-iehor li hu kien qed jiddetermina ruhu ghall-akkwist in vista tal-kwalita` fabrikabbli tal-art. F'dan il-kaz, mhux biss l-attrici ma wrietx li rabtet il-kunsens taghha mal-holqien ta' kuntratt iehor (dak ta' rahan), izda, f'kull kaz, ma resqitx l-azzjoni apposita marbuta mal-fatt li ma sehhitx kundizzjoni marbuta (allegatament) mal-kunsens taghha.

Jista' jizdied li l-ftehim bejn il-partijiet gie redatt f'kuntratt pubbliku. Huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat (ara "Frendo v. Caruana", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'mohhom il-partijiet (ara "Brincat v. Saliba", deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1983). Il-kunsens, veru li ghandu jkun espressjoni tal-volonta` ta' dak li ta l-kunsens, pero`, meta l-kunsens jinghata forma solenni ta' att pubbliku, hu prezunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta` interna tal-kontraent. Il-prova kuntrarja, biex twaqqa' dak li jirrizulta minn att pubbliku, trid tkun cara, inekwivoka, u konkludenti – "Grech v. Ciantar", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Mejju 1979. F'dan il-kaz, kif inghad, din il-prova ma saritx.

Fit-tielet lok in-nuqqas ta’ sostenibilita` tat-tezi attrici jirrizulta wkoll mill-fatt li fuq il-kuntratt ta’ Dicembru, 1999, hi tat ukoll bhala garanzija ipoteka generali fuq hwejjigha prezenti u futuri, izda fuq l-ghoti ta’ din il-garanzija ma resqet ebda ilment u mhux qed tghid li l-kunsens taghha ghal dan kien ivvizzjat. Issa, skond l-Artikolu 2016 tal-Kodici Civili, kreditur ta’ dejn suggett ghall-ipotika generali jista’, minghajr il-kunsens tad-debitur, igieghel li tigi registrata, bhala garanzija izjed tal-istess kreditu, ipotika specjali fuq beni immobbli tad-debitur. Dan ifisser li meta hi hadet is-self, saret debitrici u accettat li tigi registrata kontra taghha ipoteka generali, hi awtomatikament tat il-kunsens taghha ghall-iskrizzjoni ta’ ipoteka specjali fuq il-proprjeta` taghha a scelta tal-bank kreditur. Difficli, allura, li titwemmen li kellha biza’ tirregistra ipoteka specjali, meta ma kellhiex l-istess biza’ li taghti l-kunsens taghha ghar-registrazzjoni ta’ ipoteka generali, li mieghu l-bank seta’ jzid ipoteka specjali minghajr htiega ta’ kunsens ulterjuri tad-debitrici attrici.

Fir-raba’ llok, din il-Qorti mhux perswaza dwar l-allegazzjoni tal-attrici. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Gourmet Co. Ltd. et v. Vella”, deciza fid-19 ta’ Novembru, 2001.

“*L-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti kellhom jigu prezunti illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Min jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu.*”

F’dan il-kaz, hu veru li l-attrici qalet illi li kieku kienet taf illi s-self ma kienx sejjer ikun imsahhah b’rahan ta’ polza ta’ assikurazzjoni fuq hajjet zewgha, hi ma kenitx tiffirma l-kuntratt tal-10 ta’ Dicembru, 1999, izda meta resqet affidavit bix-xhieda taghha, ma qaletx li iffirmat minhabba dan il-hsieb; id-decizjoni li tiffirma haditha wara li zewgha qalilha li l-business zgur li kien ser imur tajjeb. Fil-fatt hi qalet hekk fil-kuntest tad-decizjoni taghha li tiffirma:

"*Zewgi kien determinat illi jiehu r-restaurant f'idejh u milli jidher kien dara bil-hajja Bugibba. Jien ma kontx naf x'ser naghmel. Zewgi beda jghidli illi r-restaurant kien ser imur tajjeb u li d-dejn kien kollu ser jithallas – insomma beda jpingili stampa illi kemm-il darba niehdu l-loan, il-hajja taghna finanzjarjament kienet ser tkun ferm ahjar. Allura jien ma hassejtx li kelli triq ohra hlief li naccetta li niffirmalu l-post*" (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Kien wara dan, u wara l-ewwel laqgha ma' l-ufficjal tal-bank konvenut, li harget is-*sanction letter* fejn kien indikat il-htiega tar-rahan ukoll. Id-decizjoni li taghti l-garanzija b'ipoteka fuq il-proprjeta` taghha haditha wara pressjoni li ghamlilha zewgha, u qabel ma biss kienet taf x'kien fiha s-*sanction letter* li hareg il-bank.

Anke wara li harget u hi iffirmat is-*sanction letter*, kellha dubju dwar dak li kienet se taghmel, pero`, accettat li tiffirma wara assikurazzjonijiet u theddid minn zewgha. Hi, fil-fatt, kompliet tghid:
"*Wara dan, bejn li ffirmajt s-sanction letter f'Ottubru 1999 u d-data li sar fih il-kuntratt f'Dicembru ta' wara, jien kemm-il darba ergajt qajjimt id-dubji tieghi dwar x'hiex ser nidhlu ghalih izda zewgi baqa' jippressani billi jirrepetili kull darba illi jekk jien ma mmurx niffirmalu jitlaqni u li ma kellix ghalfejn nibza' ghaliex id-dejn kien jithallas. Kien f'dawn ic-cirkostanzi illi fl-10 ta' Dicembru 1999 jien u hu morna l-head office u jien iffirmajt il-kuntratt datat 10 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa liema kuntratt jinsab esebit bhala dokument A ma' din ic-citazzjoni.*" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Jidher, ghalhekk, li l-attrici, meta ffirmat il-kutnratt, ma kienet f'ebda zball u iddecidiet li tikkoncedi l-proprjeta` taghha bhala garanzija mhux ghax il-bank kien se jiehu wkoll rahan fuq polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja ta' zewgha, izda wara pressjoni u assikurazzjonijet moghtija minn zewgha.

Dak li l-attrici qed tallega f'dawn il-proceduri hi biss skuza biex tipprova tehles minn obbligazzjoni li hi dahlet fiha liberament. Dan jidher ukoll mill-fatt li, fil-verita`, il-polza

ta’ assikurazzjoni fuq il-hajja ta’ zewgha ma kellhiex isserhilha rasha, ghax dik il-polza ma kienet tkun ta’ ebda utilita` f’kaz li l-business ma jrendix u ma jkunux jistghu jirrifondu l-flus lura lill-bank, kif gara f’dan il-kaz. Hi ma riditx taghti l-proprjeta` taghha bhala garanzija ghax bezghet li jekk il-business imur hazin, il-bank ikun jista’ jdur fuq il-proprjeta` taghha biex jithallas. Din il-biza’ kienet tibqa’ reali anke kieku l-bank ha rahan fuq il-polza ta’ assikurazzjoni ta’ hajjet zewgha! Dan ikompli juri li hi ma qisetx dan ir-rahan bhala determinanti, u iffirmat biss wara t-theddid ta’ zewgha li jitlaqa’ u l-assikurazzjoni tieghu li ma kellhiex ghalfejn tibza ghax id-dejn jithallas.

Kwindi, l-aggravji tal-konvenuti appellanti sejrin jigu milqugha u s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn laqghet it-talba attrici fuq il-kawzali ta’ zball sejra tigi revokata.

Kwantu l-appell incidentali tal-attrici dwar ic-cahda tat-talba taghha fuq il-kawzali ta’ qerq, ghandu jinghad mill-ewwel li, kif jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili u kif tajjeb gie ravvizat mill-ewwel Qorti, biex jista’ jinghad li hemm vizzju tal-kunsens b’rizultat ta’ qerq, l-ingann irid jigi ppratikat minn parti wahda fil-konfront tal-parti l-ohra. Kull agir f’dan is-sens minn terz ma jistax jinfluwenza l-validita` tal-kunsens, salv id-dritt ta’ risarciment ghad-danni da parti tal-konvenut ingannat kontra t-terz li ngannah. Ghalhekk peress li dak li qed tattakka l-attrici huwa il-kuntratt safejn dan jolqot biss il-ftehim li sehh bejnha u l-bank (l-iskrizzjoni tal-ipotika specjali), kwalunkwe qerq li seta’ gie ezercitat minn zewgha huwa immaterjali, ghax ghall-fini ta’ dan il-ftehim, ghandu jitqies terz.

Ikun utili li ssir riferenza ghall-osservazzjonijiet li ghamlet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet “Camilleri v. Cachia et” deciza fil-31 ta’ Jannar, 2003, u li jirrizultaw mill-gurisprudenza:

“(a) *“A costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull’altra per indurla al contratto, ma occore un’elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell’altro contraente”* –

*“”**Giovanni Farrugia Gay v. Emanuele Farrugia Gay**”, Prim Awla, Qorti Civili, 3 ta’ Mejju 1921 (Vol.XXIV P II p 578);*

“(b) *“I raggiri usati da una dei contraenti sono stati tali che senza di essi l’altra parte non avrebbe contratto” (“**Terese Galea v. Salvatore Bonnici**” a Vol. X pagna 592.) Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju (“**Alice Cassar Torreggiani v. Albert R. Manche`**”, Appell Civili, 17 ta’ Marzu 1958 (Vol. XLII P I p 126);*

“(c) *Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dolo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat “scienter” raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi (“**Joseph Mifsud nomine v. Paul Tanti**” u “**Josephine mart Francis Galea v. Perit Walter Caruana Montaldo**”, iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta’ Frar 1965 u s-16 ta’ Dicembru 1970)*”.

F’dan il-kaz ma jirrizultax li l-bank konvenut, a differenza minn zewg l-istess attrici, uza xi raggeri biex jinganna lill-attrici tiffirma l-kuntratt. Tajjeb li jinghad li l-kuntratt kien sejjer isir fl-interess mhux tal-bank izda tal-istess konjugi Debono, li riedu self sabiex jitmexxa negozju fl-inhawi ta’ Bugibba. Il-bank accetta li jaghti self taht certi kundizzjoni, izda ma gieghel lil hadd jiffirma l-kuntratt u jiehu s-self. F’kull kaz, gia` intwera li l-materja tal-assikurazzjoni fuq il-hajja tar-ragel ma kenitx determinanti ghall-attrici izda hi ffirmat wara konsiderazzjonijiet ohra. Min-naha tal-bank, ma ntuzaw ebda raggeri gravi biex l-attrici tigi <u>mgieghla</u> tiffirma l-kuntratt, l-aktar meta tqis li kien fl-interess tal-klijent mhux tal-bank li jigi iffirmat il-kuntratt.

Il-“hbiberija” li l-attrici tallega li kien hemm bejn zewgha u Robert Dimech, ufficjali tal-bank konvenut, ma jidhirx li marret lill-hinn minn relazzjonijiet tajbin li kull bank jipprova jzomm mal-klijenti tieghu. F’kull kaz, ma jidhirx li din il-“hbiberija” b’xi mod influwenzat l-andament tan-negozju. Kif osservat l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li l-bank

kien partecipi fil-pressjoni li kien qed jaghmel zewg l-attrici fuq martu, u ghajr li indikalha li kien “jahseb” li zewgha seta’ jfendi bil-pagamenti – opinjoni li bl-ebda mod ma tista’ titqies bhala uzu ta’ stragemma gravi ghall-iffirmar tal-kuntratt – il-bank ma nvolviex ruhu fir-relazzjoni interna bejn il-konjugi Debono.

Kien biss il-konvenut Michael Debono li kien jaf illi l-polza ta’ assigurazzjoni ma kenitx sejra tinhareg, u haga bhal din forsi kienet taf biha l-istess attrici, pero`, ma jirrizultax li, ma’ l-ghoti tal-kunsens, il-bank kien jaf b’din ic-cirkostanza.  X’gara wara, inkluz li, skond l-attrici, il-bank ma vverifikax illi l-flus mislufa jkunu mpjegati skond il-ftehim, ma seta’ kellu ebda effett fuq l-ghoti tal-kunsens mal-publikazzjoni tal-kuntratt.

Ghalhekk, l-appell incidentali tal-attrici fuq dan il-punt ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti billi, fl-ewwel lok, tichad l-appell incidentali tal-attrici, u fit-tieni lok, tilqa’ l-appelli interposti mill-bank konvenut u mill-kuraturi deputati, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu din laqghet it-talbiet attrici fuq il-kawzali ta’ zball fuq is-sustanza tal-oggett tal-kuntratt, u tichad *in toto* l-istess talbiet attrici.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta mal-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jithallsu kollha mill-attrici Rita Debono.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------